MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 331/2001/1

**Avviz Nru 331/01 DM**

**F. Glanville Enterprises Limited**
**vs**

**Alex Lapira**

Il-Qorti,
Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' tmin mija disa' u sebghin lira u tmintax-il centezmu (Lm879.18c) rapprezentanti l-prezz ta' shampoos u toiletries lilu mibjugha u lilu konsenjati.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 26 ta' Marzu 2001, u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghax kummercjali mis-6 ta' Jannar 2001, li hija d-data tal-ahhar konsenja, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alexei Lapira fejn eccepixxa illi:-

1 L-ammont pretiz mill-attur mhux dovut kollu stante li l-bejgh ta' l-oggetti sar taht kundizzjonijiet li ma gewx rispettati mill-istess attur;
2 Di pui' l-istess attur meta fettillhu ha mill-pussess tal-konvenut 'stand' li kien qed iservi bhala 'display' ta' l-istess oggetti u ghalhekk m'ghadux aktar possibbbli li l-konvenut ibiegh l-istess oggetti b'tant facilita', barra mill-fatt li l-konvenut kien ha kwantita' ta' oggetti proprju sabiex ikun jista' jimla l-istess stand li tah l-attur;
3 L-attur kien ghamel diversi koncessjonijiet verbali kif se jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kaz;
4 Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mid-deposizzjoni tal-konvenut fis-seduta tat-12 t'Ottubru 2001 jirrizulta illi l-kontestazzjoni giet limitata biss ghal somma ta' Lm150 (mija u hamsin lira Maltin) li l-konvenut isosstni kellha tigi akkreditata lilhu bi ftehim espress wara illi kien immanifattura sign fl-interess tal-istess atturi bi spiza ta' Lm150 (mija u hamsin lira Maltin).

Infatti fl-istess deposizzjoni tieghu l-konvenut kien accetta li jhallas somma ta' Lm729.18 (seba mija u disa' u ghoxrin lira Maltin u tmintax il-centezmi) mill-ammont mitlub mill-atturi.

Izda dak li qieghed jallega u jippretendi l-konvenut gie kkontestat minn Joseph Glanville, direttur tas-socjeta attrici, u ghalhekk bl-allegazzjoni tieghu biss, kif ikkontestata, l-konvenut ma jistax jigi ritenut illi wasal ghal prova ta' xi ftehim espress li bih kellu jigi akkredetat b'somma ta' Lm150 (mija u hamsin lira Maltin) kif jippretendi, u ghalhekk il-Qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm879.18 (tmien mija u disa' u sebghin lira Maltin u tmientax il-centezmi) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Jannar 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ48